
MONS SION
IN JERUSAL



Sena Hamsa LULJU - SETTEMBRU, 1959 Ghadd 3



LEHEN

# L-ART IMQADDSA

Mitbugh fl-EMPIRE PRESS, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.




# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

Il-Ħames Sena | LULJU - SETTEMBRU, 1959 | Għadd 3

## X'FIH DAN IL-GĦADD

Il-Glorja tat-Tabor (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... ... 65

L-EWWEL TAQSIMA — DAWL

L-Istorja tas-Salib (P. P. Saydon) ... ... ... ... ... ... ... 66
Il-Belt ta' Gerax fi żmien l-Insara (P. B. Bagatti, O.F.M.) ... ... ... 68
Id-Dielja fil-Bibbja (P. Ġaċintu Faccio, O.F.M.) ... ... ... ... ... 72
Kif il-Għarab jilqgħu l-Għorba (P. Narcissu Cecchitelli, O.F.M.) ... ... 75
Ir-Reġistri ta' Casa Nova (Ignazio Mancini) ... ... ... ... ... 78

IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA

San Kononu Martri (P. G. Rossi, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 81
Il-Mużajk tal-Kalvarju (Fra Elija, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 84
Il-Għamja ta' Nazaret (Ġuża) ... ... ... ... ... ... ... ... 86
Naqra ta' Mużew (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... 88
Il-Misilmin u l-Madonna (P. Ubertinu Berti, O.F.M.) ... ... ... ... 92
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 95
Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... 96

Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

# IL-GLORJA TAT-TABOR

*It-Tabor! Kobor ta' sbuħija u seher ta' ġmiel!*

*Fiż-żerniq ta' għodwa diefja, u fis-sirġa taħraq ta' nofs inhar, u fil-għabex biered ta' fil-għaxija, it-Tabor huwa dejjem il-Għolja ta' seher u ta' ġmiel, li jpaxxi l-għajnejn u jerfa' 'l fuq il-qalb tal-bniedem. Mill-wetgħa ta' Esdrelon jirtefa' 'l fuq 'il fuq, lejn sema iżraq, għal aktar minn seba' mitt qama, donnu artal maħluq mill-Mulej, li jistieden lill-bnedmin biex jiddulu l-qima ta' qalbhom. U fuq il-quċċata tiegħu, fil-misraħ li jinfirex għal medda kbira, ruħ il-bniedem tħossha teħfief u donnha trabbi l-ġwienaħ u tittajjar għal ħajja fuqâna, tfittex li tingħaqad ma' Dak li ħalaqha. Oh x'dehra ta' bil-ħaqq li tisraq il-qalb u ġġiegħel lil min jistqarr il-kobor tal-Mulej fil-ħulqien. Minn fuq dik il-firxa tħaddar, imbagħad, ħarstek taqa' 'l isfel ma' dwar il-għolja u dlonk tilmaħ taħtek mifruxa l-ibliet tal-Vanġelju: Kana, Nazzaret, Kafar-Nahum u ftit 'il hemm ir-raħal ta' Najm u aktar il-bogħod, il-wetgħa ta' Samarija. Innaħa tax-Xerq tara quddiemek l-iġbla ta' Libnân iħaddru u tal-Hermon, ibajjdu bis-silġ ta' fuqhom, u aktar qrib, tleqq bħal fidda x-xmara tal-Ġurdan.*

*Iżda, joktor u jikber sebħ it-Tabor jekk inħarsu lejn il-ġrajjiet li fuqu twettqu ma' tul l-istorja. Sa mill-bidu nett tal-wasla tal-Israelijin fl-Art Imwegħda, b'amar ta' Ġożwè, it-Tabor kien jifred it-taqsima ta' Issakar mit-taqsima ta' Żabulon. Meta, mija u ħamsin sena wara l-Lhud waqgħu taħt il-madmad tal-Kangħanin, ħarbu hemm fuq, u b'amar tal-imnebbħa Debora, għaxart elef minnhom immexxija minn Barak, niżlu u ħabtu għat-tajfa ta' Sisara u rebħuha (Ġuditta, IV, V). U m'hux hemm fuq ukoll il-ġens tal-Mulej sab kenn meta l-Madjanijin u l-Amalekin tferrxu mal-wetgħa ta' Esdrelon biex jeqerduh? (Ġuditta VI, 2) U għal hekk it-Tabor dejjem ġibed il-għajnejn tal-Imnebbħin tal-Mulej, fosthom Ġeremija, li xebbah il-miġja tal-qalil Nabukodonsor: Bħat-Tabor qalb l-iġbla" (Ġeremija, LXVI, 18).*

*Imma t-Tabor fuq kollox huwa l-għolja li għażel Ġesù Kristu għal ġrajja mill-akbar ġrajjiet ta' ħajtu. Hemm fuq Huwa temm l-ewwel taqsima tal-ħajja tiegħu li għadda fil-Galilija, qalb it-twegħir mal-Fariżin u għedewwa oħra. Ħass li kien meħtieġ li jfarraġ lill-Appostli u jqawwihom fl-emna tagħhom, billi kienu qegħdin jaqtgħu qalbhom għax rawh qisu mkeċċi mill-Galilija u mhedded bil-mewt. Ġesù għal hekk, "ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni u tellagħhom fuq għolja weħedhom. U tbiddel quddiemhom, u wiċċu idda bħaxxemx, u ħwejġu saru bojod bħad-dawl, u f'daqqa dehrulhom Mosè u Elija jitkellmu miegħu" (Matt. XVII, 1). It-tlieta semgħu lil Ġesù jitkellem ma' Mosè u Elija, iżda ħadd minnhom ma fehem xejn. Huma biss kienu mgħaxxqa jaraw it-Tisbiħ tal-Imgħallem fl-aqwa tiegħu. Ġwanni baqa' jħares imgħaxxaq u Pietru qabeż u qal: "Mgħallem, tajjeb għalina li nibqgħu hawn; nagħmlu, jekk trid, tliet għerejjex, għalik wieħed, għal Mosè wieħed u għal Elija wieħed." Iżda qabel ma temm dawn il-kelmiet, sħaba kollha dawl għattiethom u ġie leħen mis-sħaba li qal: "Dan hu Ibni l-maħbub li bih nitgħaxxaq. Lilu isimgħu." Malli semgħu dan id-dixxipli waqgħu wiċċhom fl-art u beżgħu ħafna. U din hija b'ħaqq l-akbar Glorja tat-Tabor, il-għolja tas-sew qaddisa.*

*ID-DIREZZJONI.*